MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2006

Numru 267/2006

Il-Pulizija
(Spettur Therese Sciberras)

vs

Brian Borg

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Brian Borg detentur ta' karta ta' identita' numru 356382M, akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar it-28 ta' Frar 2006 f'San Pawl il-Bahar Xemxija ghal habta tat-tmienja ta' fil-ghaxija kkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Nicholas Camilleri skond ma ccertifika Dr N Aquilina MD tal-poliklinika tal-Mosta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-akkuza hija ta’ griehi ta’ natura gravi ikkagunati mill-imputat ikkagunati mill-imputat fuq certu Nicholas Camilleri kawza ta’ argument li sehh fid-dar fejn kien jirrisjedi l-imsemmi Camilleri.

Issa mill-provi senjatament ta’ l-istess Camilleri u ommu l-feriti jirrizultaw li kienu ta’ natura hafifa.

Stante ir-rinunzja ta’ dan Camilleri ghal kull proceduri kriminali din il-Qorti qeghdha tiddikjara procediment esawrit kontra l-imputat u tieqaf li tiehu aktar konjizzjoni tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------